# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Numru : 154/2019 RM**

**William Bugeja**

**-Vs-**

**Carmel Vella Limited**

**Illum, 6 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn William Bugeja fir-Reġistru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Lulju 2019 fejn talab illi s-soċjeta' Carmel Vella Limited tiġi kkundannata għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni kkaġunati minnha stante illi meta kienet inkarigata mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex tieħu container proprjeta' tal-attur, miżapproprjat ammont ta' spare parts tat-trakkijiet u tappieri tad-dranaġġ, tyres, kumpressuri u affarijiet simili; infatti l-container wasal fid-destinazzjoni tiegħu Ħal Luqa, vojt.

Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Ai fini ta' kompetenza qed jiġi dikjarat li l-valur tat-talba ma teċċedix €13,000.

Rat ir-Risposta ppreżentata minn Carmel Vella Limited fir-Reġistru tal-Qorti fid-9 ta' Awwissu 2019 fejn ġie eċċepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi l-fatti esposti mill-attur fir-rikors tiegħu ma għandhom mis-sewwa u l-verita' u kif ser jirriżulta aħjar fil-kors tal-kawża, is-soċjeta' mittenti ma għamlet xejn minn dak allegat fl-istess rikors promotur.

3. Illi in ogni caso, min jallega irid jipprova u l-attur irid jipprova hu l-kontenut tar-rikors promotur sabiex din -Onorabbli Qorti tkun tista' tiddeciedi din il-vertenza.

4. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-każ.

Semgħet ix-xhieda ;

Rat il-provi kollha kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attur fit-22 ta' Diċembru 2022 kif awtorizzat permezz ta' digriet li ngħata fit-30 ta' Novembru 2022;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukat tas-soċjeta' konvenuta fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni li huwa sofra wara illi s-soċjeta' konvenut allegatament approprjat indebitament ammont ta' materjal minn ġewwa container di proprjeta' tiegħu. Allegazzjoni li hija miċħuda b'mod assolut mis-soċjeta' konvenuta.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u l-provi, jirriżulta illi l-attur huwa kuntrattur li jaħdem bi sħab ma' ħuh John Bugeja u fiż-żmien tal-fatti mertu tal-kawża, huma kienu jużaw bitħa ġewwa Hompesch Farm, Triq tal-Ħlas, Qormi għall-ġestjoni tan-negozju tagħhom fejn, fost inġenji oħrajn, kienu jżommu container.

Fil-21 ta' Ġunju 2018 u fit-22 ta' Ġunju 2018[1] l-Awtorita' tal-Ippjanar eżegwiet ordni ta' infurzar li l-Qorti fehmet li kien inħareġ fir-rigward tas-sit tal-attur minħabba diversi illegalitajiet, fosthom inġenji u materjal li kienu qegħdin jinżammu fuq il-post bi ksur tal-permess li kien hemm fis-seħħ[2]. L-Awtorita' tal-Ippjanar qabbdet kuntrattur, li skont l-attur kienet is-soċjeta' konvenuta, biex tneħħi l-illegalitajiet mill-bitħa tiegħu, inkluż li tittrasporta l-container allegatament mimli bil-materjal u jiddisponi minnu. Uħud mill-materjal u oġġetti li tneħħew mis-sit, intremew filwaqt li l-ħadid ġie trasportat għal għand ċertu Disma Attard filwaqt li xi materjal ieħor instab, skont kif allegat mill-attur, fil-pussess tas-soċjeta' konvenuta.

**L-attur, William Bugeja**, korroborat minn ħuh John Bugeja, xehed[3] illi dan il-container kien mimli *spare parts* tat-trakkijiet, tappieri tad-drenaġġ, tyres, kumpressuri u materjal ieħor li jintuża fin-negozju tagħhom. Xehed ukoll illi meta huwa mar ma' ħuh biex jieħdu lura l-container mingħand il-kuntrattur li ġie mqabbad mill-Awtorita' biex jirċievi l-materjal konsistenti f'ħadid, ċertu Disma Ħal Luqa, u fetħuh, sabu li dan kien kompletament vojt ħlief għal xi materjal bla valur. Peress illi ġie infurmat minn dan il-kuntrattur li l-container wasal għandu vojt u li l-piż tiegħu baqa' l-istess bejn meta wasal għand dan il-kuntrattur u meta reġa' ntiżen fil-preżenza tiegħu, l-attur qiegħed isostni li l-materjal li kien hemm stivat fil-container kienu ħaduh l-addetti tas-soċjeta' konvenuta.

L-attur xehed ukoll illi l-container dam ħafna ma wasal għand il-kuntrattur tal-ħadid u minkejja li kien telaq mis-sit tiegħu f'Ħal Qormi fid-9.30 a.m., dan wasal Ħal Luqa

[1] Fix-xhieda tal-attur u fix-xhieda ta' ħuh John Bugeja, tissemma d-data tat-13 ta' Mejju 2018 iżda l-provi kollha, fosthom il-fattura Dok. D esebita mis-soċjeta' konvenuta fit-22 ta' Awwissu 2022 u r-ritratti esebiti minn Charles Gafa' (USB Dok. CG) jindikaw li l-eżekuzzjoni saret fil-21 ta' Ġunju 2018 u fit-22 ta' Ġunju 2018.
[2] Ara xhieda ta' Charles Gafa', 5 ta' Marzu 2020.
[3] Affidavit ippreżentat 29 ta' Jannar 2020.

biss għall-ħabta tas-1.00 p.m. u meta wasal, sabuh vojt[4]. Xehed ukoll illi meta mar fis-sit tas-soċjeta' konvenuta fin-Naxxar, hemmhekk huwa ra gulja u diversi drammijiet tat-trakkijiet li għarafhom bħala tiegħu iżda meta kellem lil Joe Vella li jaħdem hemm, kien qallu li dawn l-għodda kienu nxtraw mingħand terzi. Dak il-ħin huwa rnexxielu jieħu l-gulja li ttaqqab l-art iżda xejn iktar. L-attur elenka l-affarijiet kollha li kienu fil-container u li ma nstabux meta dan il-container ingħata lura lilu, u sostna illi komplessivament dawn għandhom valur ta' €12,850.

**Charles Gafa'**, Principal Enforcement Officer u Head of Direct Action fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar xehed[5] illi l-Awtorita' kienet ħarġet ordni ta' infurzar fir-rigward tas-sit tal-attur billi kien hemm diversi illegalitajiet f'dan is-sit, fosthom li ma kienx qed jintuża skont il-permess. Minkejja li s-sid ġie mitkellem biex ineħħi l-illegalitjiet u biex inaddaf is-sit dan ma sarx u l-Awtorita' ħadet azzjoni diretta billi qabbdet bħala kuntrattur lil Central Asphalt Limited jeleva l-inġenji fosthom trakk *readymix* u container mimli materjal, u biex jeleva u jiddisponi wkoll mill-materjal kollu li kien qed jiġi miżmum illegalment fis-sit, fosthom materjal inert, materjal imħallat, ħadid u parts, skont in-natura tal-materja.

Xehed illi għalkemm mhux obbligat, kien ftiehem mal-avukat tal-attur biex jagħtih lura t-trakk *readymix* li ġie elevat u kkonferma illi l-kuntrattur li kien imqabbad biex jiddisponi mill-materjal konsistenti f'ħadid kien ċertu Disma. Ikkonferma wkoll li in segwitu għall-eżekuzzjoni tal-azzjoni diretta, l-attur kien ilmenta miegħu illi kien hemm xi *parts* li ma ġewx mormijin u kienu għand il-kuntrattur, fosthom dramm ta' trakk. Fisser illi l-Awtorita' tassigura li tqabbad kuntrattur li jkun liċenzjat biex jeleva u jittrasporta dak kollu li jkun qed jinzamm illegalment fis-sit u li jkun liċenzjat ukoll biex jiddisponi mill-materjal skont ix-xorta tiegħu wara li dan jiġi sortjat mill-istess kuntrattur. L-Awtorita' tassigura wkoll li dak kollu li jkun qed jinżamm fis-sit illegalment jiġi mneħħi u mormi, mingħajr iżda ma tidħol fil-kwistjoni tal-valur tal-oġġetti rimossi u lanqas x'isir effettivament minn dawn l-oġġetti basta ma jerġgħux

[4] Iżda l-Qorti tosserva illi la x-xud u lanqas l-attur ma xehdu dan fl-Affidavits tagħhom.

[5] Xhieda tal-5 ta' Marzu 2020.

jidħlu lura fis-sit. Charles Gafa' ikkonferma wkoll illi l-kuntrattur imqabbad huwa obbligat ukoll jissortja l-materjal imħallat qabel jiddisponi minnu.

**Disma Attard** xehed li huwa jiġġestixxi negozju bl-isem DD Attard li tiegħu ħsieb taqsam, tirriċikla u tiddisponi minn ħadid u metalli. Dwar il-każ tal-attur, xehed illi l-kuntrattur imqabbad mill-Awtorita' tal-Ippjanar, magħruf bħala Żiża, kien ġablu trakk u container kollu mkisser flimkien ma' xi affarijiet oħra tal-ħadid, scrap u imbarazz tal-ħadid li fil-fehma tiegħu kienu antiki u mhux tajbin biex taħdem bihom. Kif daħal il-container dan intiżen u mbagħad kien ġie l-attur u ħa l-għodda li kien dehrlu li kienu tajbin kif ukoll ħa t-trakk.

**Emanuel Vella**, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta u direttur ukoll tas-soċjeta' Central Asphalt Limited, xehed[6] illi huwa ġie inkarigat mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex ineħħi u jġorr container u materjal ieħor li kien qed jinżamm illegalment fis-sit tal-attur. Fuq ordni tal-uffiċjali tal-Awtorita' u fil-preżenza tagħhom kif ukoll fil-preżenza tal-attur, il-container ġie mneżża' u inġarr għal għand scrapyard ta' ċertu Disma. Jaqbel li kien hemm affarijiet fil-container, fosthom ħmieġ, żibel, ħadid u skart ieħor, iżda huwa kellu ordni mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex il-container jiġi mneżża', bil-ħażin jintrema' kollu u l-ħadid jiġi trasportat għand kuntrattur ieħor biex jiġi strippjat. Ikkonferma li kien hu li għażel il-materjal it-tajjeb mill-ħażin ossia imbarazz, li ntrema' kollu, filwaqt li l-ħadid inġarr għal għand ċertu Disma. Ikkonferma wkoll li kien poġġa xi affarijiet li kien hemm fil-container barra quddiem l-uffiċju tiegħu u kien ġie l-attur u ħadhom iżda innega li kien hemm xi affarijiet oħrajn li kienu tal-attur u l-attur innifsu ma kienx qallu li kien hemm affarijiet oħrajn.

Is-soċjeta' konvenuta esebiet fl-atti[7] diversi *waste chits* maħruġin minnha kif ukoll mis-soċjeta' Central Asphalt Limited lill-Awtorita' tal-Ippjanar b'indikazzjoni tal-piż tal-materjal (*waste*) li nġarr barra mis-sit fil-21 ta' Ġunju 2018 u fit-22 ta' Ġunju 2018

---

[6] Xhieda tat-23 ta' Marzu 2022.
[7] Permezz ta' nota datata 22 ta' Awwissu 2022, ikkonfermata bil-ġurament ta' Emanuel Vella.

permezz ta' diversi trakkijiet, kif ukoll il-fattura maħruġa minn Central Asphalt Limited lill-Awtorita għall-eżekuzzjoni ta' dan l-inkarigu.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-eżistenza ta' rapport ġuridiku bejn l-attur u s-soċjeta' konvenuta hi f'kull każ essenzjali biex l-azzjoni attriċi jkollha eżitu pożittiv fil-mertu, għaliex mingħajr l-affermazzjoni ta' xi xorta ta' ness ġuridiku li jorbot lill-imħarrek mat-talbiet dedotti fil-konfront tiegħu, ma jistax jiġi tenut iwieġeb bl-ebda mod għad-domandi attriċi[8].

L-attur iċċita in ġudizzju lis-soċjeta' konvenuta biex twieġeb għat-talba tiegħu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kkaġunati minnha bħala persuna "*inkarigat mill-Awtorita' tal-Ippjanar*" għat-tneħħija u ġarr tal-container tiegħu. Huwa xehed li kien Disma Attard li qallu li kienet is-soċjeta' konvenuta li ġarret il-container għal ġos-sit tiegħu[9].

Iżda kif joħroġ mix-xhieda ta' Charles Gafa', il-kap tas-sezzjoni tad-Direct Action fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar, kif ukoll mill-fattura maħruġa lill-istess Awtorita' fir-rigward, hija kienet inkarigat lis-soċjeta' Central Asphalt Limited u mhux lis-soċjeta' konvenuta, biex twettaq l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' infurzar li kienet ħarġet fil-konfront tas-sit tal-attur ġewwa Ħal Qormi fil-21 ta' Ġunju 2018 u fit-22 ta' Ġunju 2018[10].

---

[8] Fis-sentenza fl-ismijiet **Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deċiża fid-9 ta' April 2008 mill-Qorti tal-Appell, intqal hekk:-*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

[9] Meta xehed, Disma Attard qal li ma jafx x'jismu l-kuntrattur li ġab il-container tal-attur fis-sit tiegħu, jafu biss bħala "ż-Żiża". Iżda m'hemm xejn fil-provi li juri illi s-soċjeta' konvenuta hija magħrufa b'dan il-laqam.

[10] Vide diversi waste chits Dok. B(i) sa Dok. B(ix) man-nota tat-22 ta' Awwissu 2022.

Kif ingħad, minkejja dan l-attur indirizza l-azzjoni tiegħu fil-konfront tas-soċjeta' Carmel Vella Limited. Soċjeta' li ma jidhirx li kellha xi relazzjoni kuntrattwali mal-Awtorita' għaliex mid-dokumenti prodotti mis-soċjeta' konvenuta nnifisha jirriżulta li l-vetturi li ntużaw biex jitneħħew l-illegalitajiet mis-sit kienu pprovduti mis-soċjeta' Central Asphalt Limited u minn Vella Brothers & Sons Limited. Is-soċjeta' konvenuta ma tiffigura mkien f'din l-operazzjoni u t-transazzjonijiet mertu tal-kawża u għalkemm fin-nota konfermata bil-ġurament ta' Emanuel Vella, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta, ingħad illi s-soċjeta' Central Asphalt Limited hija kumpannija konnessa mas-soċjeta' konvenuta, ma nġiebet l-ebda prova dwar f'hiex tikkonsisti din il-konnessjoni. Il-Qorti ma riskontrat ebda prova lanqas dwar xi involviment materjali u effettiv li seta' kellha s-soċjeta' konvenuta nnifisha fin-negozju li ta lok għall-kawżali li fuqha tinsab mibnija d-domanda attriċi, jew dwar xi intervent da parti tagħha fit-twettiq tad-*direct action* fis-sit tal-attur u fit-tneħħija u ġarr tal-container u l-kontenut tiegħu.

Iżda minkejja dan, is-soċjeta' konvenuta, Carmel Vella Limited, baqgħet ma ċaħditx l-eżistenza ta' xi rapport ġuridiku bejnha u bejn l-attur u ma ċaħditx lanqas li hija persuna idonea biex tirrispondi għat-talba attriċi.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti wara li rat l-atti, tqis illi l-unika rabta li tista' tinsilet bejn il-pretensjonijiet tal-attur f'din il-kawża u s-soċjeta' konvenuta, hija l-allegazzjoni tal-attur illi fis-sit tal-istess soċjeta' konvenuta ġewwa n-Naxxar, huwa għaraf xi għodda minn tiegħu minn dawk li kienu fil-container. Il-korollarju ta' dan hu illi fl-eventwalita' li l-Qorti tirravviża xi xejra ta' responsabbilita' da parti tas-soċjeta' konvenuta għad-danni pretiżi mill-attur, din ma tistax tkun imsejsa fuq il-kawżali li hija kienet inkarigata mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex tneħħi u ġġorr il-container in diżamina, iżda biss abbażi tal-kawżali li hija kellha fil-pussess tagħha oġġetti, ossia materjal u għodda, appartenenti lill-attur meta allegatament, ma kellha l-ebda jedd għal dan il-pussess.

Iżda f'kull każ, anke jekk għal mument il-Qorti kellha taċċetta li s-soċjeta' konvenuta għandha twieġeb għad-domandi tal-attur bħala l-persuna inkarigata bil-ġarr u trasport tal-container tal-attur u l-kontenut tiegħu, jibqa' l-fatt li jinkombi fuq l-attur l-oneru li jressaq provi sodisfaċjenti mhux biss li l-container in kwistjoni kien fih tassew dak il-materjal li l-attur qed jallega li għeb minn ġo fih, iżda wkoll li s-soċjeta' konvenuta approprjat ruħha minn dan il-materjal li kien jappartjeni lilu, mingħajr ebda jedd li tagħmel dan.

Ikkunsidrat;

Illi kif ingħad, l-attur jallega illi qabel iddepożitat il-container fl-impjant tal-kuntrattur tal-ħadid ġewwa Ħal Luqa, is-soċjeta' konvenuta ħarġet mill-container diversi għodda, parts u materjal ieħor li kienu stivati hemmhekk u żammithom għaliha mingħajr ebda jedd li tagħmel dan.

Is-soċjeta' konvenuta da parti tagħha tiċħad l-allegazzjonijiet tal-attur u sostniet li l-attur għandu jipprova li dak li ġie premess fir-Rikors huwa minnu.

In kwantu għall-prova dwar il-kontenut tal-container, il-Qorti, wara li fliet l-atti u l-provi, hija tal-fehma illi l-attur ma ssodisfax dan l-oneru ta' prova. Ibda biex mir-ritratti esebiti minn Charles Gafa'[11], imkien ma huma identifikabbli fost il-kwantita' ta' imbarazz u ħwejjeġ mormijin fil-container meta dan infetaħ fis-sit tal-attur fil-presenza tal-uffiċjali tal-Awtorita' tal-Ippjanar[12], il-parts, tappieri, tyres, kumpressuri u materjal ieħor imsemmi mill-attur fir-Rikors promotur[13]. Barra dan il-fatt li l-attur naqas milli jindika minn fuq dawn ir-ritratti fejn jidhru dawn il-parts u għodda u kif sewwa ġie osservat min-naħa konvenuta fit-trattazzjoni, l-attur ma ressaq ebda prova li turi li dawn l-oġġetti jappartjenu lilu.

---

[11] Usb Dok. CG.

[12] Vide ritratti IMG_20180621_073020.jpg, IMG_20180621_073027.jpg, IMG_20180621_073028.jpg, IMG_20180621_073029, IMG_20180621_092859.jpg, IMG_20180621_092903.jpg, IMG_20180621_092905.jpg, IMG_20180621_092907.jpg u IMG_20180621_092910.jpg. Disma Attard xehed illi l-materjal li l-attur allega li kienu neqsin mill-container *"mhumiex affarijiet li jinsterqu għax affarijiet antiki u … illum anqas huma tajbin biex taħdem bihom."* – xhieda tal-5 ta' Marzu 2020, fol. 49.

[13] Ara elenku Dok. G, fol. 17.

Huwa minnu li evidentement, il-container jidher fir-ritratti Dok. C u Dok. D[14] li fih inqas affarijiet mill-kontenut li jidher fir-ritratt IMG 073629 li ttieħed fis-sit ta' Disma Attard. Iżda l-provi li ressaq l-attur ma jinstawrawx f'moħħ il-Qorti dak il-konvinċiment fil-grad meħtieġ fil-kamp ċivili, illi fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet s-soċjeta' konvenuta ħadet għaliha nnifisha l-kontenut tal-container tal-attur. Anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li dawn l-għodda u parts kienu effettivament fil-container meta dan ħareġ mis-sit tal-attur (minkejja n-nuqqas ta' prova tal-kontenut tal-container qabel dan tneħħa mis-sit), Disma Attard ikkonferma fix-xhieda tiegħu li l-attur mar fl-impjant tiegħu u ħa mhux biss it-trakk ready-mix iżda wkoll diversi affarijiet oħra fosthom ħadid, scrap tal-ħadid u "*imbarazz*" li kienu ġew depożitati hemmhekk[15] filwaqt li l-affarijiet l-oħra li ġew għandu, intbagħtu għar-reċiklaġġ. Il-Qorti tosserva illi l-attur naqas milli jsemmi fix-xhieda tiegħu mhux biss li huwa kien ħa oġġetti oħrajn apparti t-trakk mingħand il-kuntrattur tal-ħadid, iżda wkoll jekk fost dawn l-oġġetti kienx hemm uħud mill-ħwejjeġ imsemmija fir-Rikors promotur u fl-elenku Dok. G.

B'żieda ma' dan, jingħad ukoll meta wieħed iqis li l-inkarigu mogħti lill-kuntrattur mill-Awtorita' tal-Ippjanar kien mhux biss li jittrasporta dan l-istess container mis-sit tal-attur għal għand Disma Attard, fejn effettivament wasal u ġie skarikat, **iżda wkoll li qabel xejn, jissepara l-materjal f'dak li hu għar-rimi, materjal li jista' jiġi reċiklat u materjal tal-ħadid**[16]. Fil-fatt, Charles Gafa' xehed l-inkarigu tal-kuntrattur inkarigat biex ineħħi l-materjal u ħwejjeġ oħra miżmumin illegalment fuq is-sit mertu tal-ordni tal-infurzar, m'huwiex limitat biss għat-tneħħija u l-ġarr tal-materjal għad-destinazzjoni approvata iżda wkoll għall-issortjar tal-materjal u d-disposal tal-istess skont ix-xorta tiegħu. Għalhekk, anke jekk kellu jirriżulta li kien hemm diskrepanza bejn il-piż tal-container meta telaq mis-sit tal-attur u meta wasal fis-sit ta' Disma Attard, din id-diskepanza ma tistax tittieħed bħala prova determinanti

[14] Paġna 15 tal-atti tal-kawża.
[15] Mhux kontestat li l-attur ħa lura wkoll trakk readymix.
[16] Ara xhieda ta' Charles Gafa', 5 ta' Marzu 2020.

jew konklussiva tal-allegazzjoni li l-kuntrattur approprja ruħu bla jedd minn dak il-materjal.

Jispetta lill-attur jipprova li l-kuntrattur eċċeda l-limiti tal-inkarigu tiegħu u minflok iddispona mill-materjal u l-oġġetti skont l-istruzzjonijiet mogħtija jew it-termini tal-inkarigu, żammhom għalih.

Iżda l-unika prova li ressaq l-attur in sostenn tal-allegazzjoni tiegħu li s-soċjeta' Carmel Vella Limited approprjat għaliha xi oġġetti minn dawk li nġarrew minn fuq is-sit tiegħu, tinsab fl-allegazzjoni li huwa għaraf fil-bitħa tagħha il-gulja u drammijiet tat-trakk tiegħu li jidhru fir-ritratti minnu esebiti[17].

Fir-rigward, Emanuel Vella xehed illi huwa kellu ordni mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex jagħżel il-materjal ħażin mill-ħadid, biex jarmi dak kollu li kien ħażin u biex jittrasporta l-ħadid fl-impjant tal-kuntrattur appuntat mill-istess Awtorita'. Xehed ukoll illi kien żamm xi affarijiet tal-ħadid u kien ħallihom barra u kien ġie l-attur u ħadhom iżda għall-bqija ma nżamm xejn iktar mill-materjal li kien hemm fil-container tal-attur.

Għall-Qorti, il-fatt li hemm qbil li fl-impjant tas-soċjeta' konvenuta instabu xi oġġetti li kienu fil-container tal-attur, ma jikkostitwixxix prova sodisfaċjenti li s-soċjeta' konvenuta eċċediet il-limiti tal-inkarigu tagħha u approprjat għaliha b'mod indebitu l-oġġetti di proprjeta' tal-attur. Kif stabbilit, il-kuntrattur imqabbad mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex ineħħi l-materjal u oġġetti miżmuma illegalment fis-sit kolpit mill-ordni tal-infurzar, huwa awtorizzat kif ukoll obbligat li jagħmel eżerċizzju ta' sortjar tal-materjal konfiskat u jiddisponi minnu skont l-ordnijiet tal-Awtorita'. Fil-każ in diżamina, huwa inkontestat illi l-oġġetti elevati mis-sit tal-attur kellhom qabel xejn jiġu sortjati mill-kuntrattur li ġie imqabbad għall-ġarr u rimi u filwaqt li l-ħadid ġie trasportat mis-sit tal-attur għal għand il-kuntrattur inkarigat biex jiddisponi mill-istess ħadid, il-bqija tal-materjal kellu jintrema. Il-fatt illi kien għad baqa' xi oġġetti tal-

[17] Dok. A u Dok. B.

attur l-impjant tal-kuntrattur "*immedjatament*"[18] wara l-eżekuzzjoni tal-azzjoni diretta fis-sit tal-attur, ma jfissirx neċessarjament illi dan ġie miżmum mill-kuntrattur għalih innifsu u l-attur ma ressaq l-ebda prova li teskludi l-ipotesi li dan l-oġġett kien jinsab fl-impjant tal-kuntrattur bħala parti mill-proċess ta' sortjar tal-iskart qabel dan effettivament jintrema jew li kien ħadid li kien intiż biex jintbagħat għar-reċiklaġġ. F'kull każ, jirriżulta li dan l-oġġett (gulja) ittieħed lura mill-attur tant illi m'huwiex fost l-oġġetti msemmija fir-Rikors promotur u fil-lista Dok. G.

In kwantu għad-drammijiet tat-trakk li l-attur ukoll insista li ntlemħu fl-impjant tas-soċjeta' konvenuta, Emanuel Vella ċaħad li apparti l-oġġetti li l-attur kien ġie u ħadhom lura, kienu nżammu xi oġġetti oħrajn tal-attur fosthom id-drammijiet tat-trakk.

Għalkemm l-attur esebixxa ritratti tal-gulja[19] u d-drammijiet in kwistjoni, huwa naqas milli jindika liema għodda u parts oħrajn minn dawk elenkati fil-lista Dok. G, kienu tlemħu fl-impjant tas-soċjeta' konvenuta u ntgħarfu bħala tiegħu. Il-Qorti tistenna illi jekk verament l-attur identifika diversi oġġetti oħrajn tiegħu fis-sit tas-soċjeta' konvenuta, kien mhux biss jindikahom espressament kif għamel fir-rigward tal-gulja u d-drammijiet, iżda kien jiġbed ukoll ritratti tagħhom bl-istess mod li ġibed ir-ritratti tal-gulja u d-drammijiet. Iżda dan m'għamlux.

Il-Qorti tosserva illi anke kieku għal mument kellha taċċetta illi fl-impjant tal-attur kien hemm xi oġġetti oħrajn li ġew mill-container tal-attur, ma ntweriex li s-soċjeta' konvenuta kienet taħt xi obbligazzjoni legali, la kuntrattwali u lanqas ta' xi xort'oħra, li troddhom lura lill-attur meta mill-provi huwa stabbilit li hija kienet inkarigata mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex *inter alia,* tiddisponi minnhom. Għaldaqstant, il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-attur irnexxielu jipprova fil-grad rikjest fil-kamp ċivili, ċioe' fuq bilanċ ta' probabbilitajiet fuq il-preponderanza tal-provi, illi l-attur kellu xi jedd jieġu lura l-oġġetti in diżamina u jew illi s-soċjeta' konvenuta kienet obbligata trodd il-

---

[18] Ara Affidavit tal-attur Dok. WB.
[19] L-attur stqarr li huwa rnexxielu jieġu l-gulja minn ġos-sit tas-soċjeta' konvenuta.

materjal konfiskat lura lill-attur u konsegwentement li approprjat ruħha indebitament mill-oġġetti di proprjeta’ tiegħu.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tikkonkludi billi tagħmel referenza għas-sottomissjoniet li saret mill-attur fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu. Hawnhekk, ġie allegat illi l-Awtorita’ tal-Ippjanar eċċediet is-setgħat tagħha meta qabbdet lis-soċjeta’ konvenuta twettaq l-azzjoni maħsuba taħt l-Artikolu 100(5) tal-Kap. 552 għaliex din id-dispożizzjoni legali tawtorizza lill-Awtorita’ titlob l-għajnuna **biss** tal-Korp tal-Pulizija, tal-Forzi Armati, ta’ kull kunsill lokali, kull dipartiment tal-Gvern jew kull aġenzija tal-Gvern biex twettaq dak mitlub fl-avviż ta’ twettiq. L-attur jargumenta illi l-Awtorita’ tal-Ippjanar ma setgħetx tinkariga lis-soċjeta’ konvenuta bħala kuntrattur tiddisponi mill-oġġetti li jikkostitwixxu l-illegalita’ u biex twettaq avviż ta’ infurzar. Argomenta wkoll illi l-fatt li minkejja dan, hija ingaġġat lil xi ħadd mhux imsemmi mil-liġi biex twettaq dan l-għemil, għandu jfisser illi dak il-kuntrattur kellu joqgħod rigorożament mal-istruzzjonijiet li jingħataw mill-Awtorita’ għaliex inkella tkun passibbli għad-danni.

Iżda l-Qorti tqis illi dan l-argoment ma jiswix. Hija l-fehma tagħha illi n-non osservanza da parti tal-Awtorita’ tal-Ippjanar tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 100(1) tal-Kap. 552, ma jnissilx fis-soċjeta’ konvenuta responsabbilita’ għad-danni minħabba tabilħaqq in-nuqqas tal-Awtorita’ li timxi skont il-liġi: ir-relazzjoni ġuridika naxxenti mill-ħruġ tal-avviż ta’ twettiq u l-enforzar tiegħu mhux skont id-dettami tal-liġi da parti tal-Awtorita’ tal-Ippjanar, teżisti bejn l-istess Awtorita’ u l-attur u mhux bejn l-attur u l-kuntrattur imqabbad minnha. Huwa minnu illi r-responsabbilita’ għad-danni hija ravviżabbli wkoll f’każ li jiġi riskontrat ness ta’ kawżalita’ li jitnissel mill-culpa akwiljana, iżda ma ġiex ippruvat illi l-kuntrattur f’dan il-każ mexa b’nuqqas ta’ prudenza, diliġenza jew nuqqas ta’ osservanza ta’ regolamenti kif allegat mill-attur.

Kemm hu hekk, għandu jingħad, l-azzjoni kif imfassla fir-Rikors promotur hija msejsa fuq bażi ġuridika kompletament differenti mill-illegalita’ tal-azzjoni meħuda mill-

Awtorita'. Hija bbażata fuq approprjazzjoni indebita mis-soċjeta' konvenuta tal-oġġetti tal-attur, kunċett li jippresupponi relazzjoni ta' fiduċja bejn il-partijiet, fejn din il-persuna fdata bl-oġġetti ta' ħaddieħor għal skop speċifiku, tiddisponi minnhom bi ksur tal-istruzzjonijiet lilha mogħtija. Madankollu, il-provi juru li l-oġġetti tal-attur ma ġewx fdati lis-soċjeta' konvenuta mill-attur innifsu iżda mill-Awtorita' tal-Ippjanar u l-istruzzjonijiet li kellha, ingħatawlha mill-istess Awtorita' u mhux mill-attur. Għalhekk, il-kunċett ta' misapproprjazzjoni ma jistax isib riskontru fil-qafas tal-azzjoni miġjuba mill-attur u mill-provi proċesswali.

Fuq kollox, kif diġa ngħad qabel, l-attur naqas milli jipprova illi s-soċjeta' konvenuta ħadet mingħajr jedd, il-pussess ta' xi oġġetti appartenenti lili: prova li l-Qorti diġa' ddeċidiet li ma ġietx riskontrata fl-atti u fil-provi. Għall-kuntrarju, kif ġie sottomess mill-abbli avukat tas-soċjeta' konvenuta fit-trattazzjoni u kif jirriżulta mingħajr ebda ekwivoċi mix-xhieda ta' Charles Gafa', l-attur ma kellu ebda jedd legali kwalsiasi, **wara** t-twettiq tal-avviż ta' infurzar permezz tal-azzjoni diretta meħuda taħt l-Artikolu 100 tal-Kap. 552, li jieħu lura l-oġġetti miżmuma illegalment fis-sit u li kienu kolpiti mill-avviż ta' twettiq, la mill-Awtorita' tal-Ippjanar u lanqas mill-kuntrattur minnha inkarigat biex iwettaq l-azzjoni diretta. Lanqas kellu l-kuntrattur f'xi waqt, obbligu li jagħti lura lill-attur l-oġġetti li kien inkarigat jiddisponi minnhom.

Għaldaqstant l-azzjoni intentata mill-attur, anke minn dan il-lat, hija destinata li tfalli irrimedjabbilment.

**Għal dawn il-motivi taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra tiegħu.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**